MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2007

Numru. 248/2004

PULIZIJA
SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD
VS
JOSEPH SIVE JOSE’ EZQUER

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph sive Jose’ Ezquer, ta’ 29 sena, bin Joseph u Concetta nee’ Azzopardi, imwieled il-Canada fis-17 ta’ Dicembru 1974 u residenti 64, Flat 18, Triq il-Vant, Valletta, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 9081A, u akkuzat talli fl-20 ta’ Marzu 2004 ghal habta ta’ 12.30pm, fi Triq Merkanti, Valletta, b’eghmil zieni, ikkorrompa persuni ta’ taht l-eta’, tas-sess il-wiehed jew l-iehor, u cioe’ lil A, B, C, D, E u F, kollha ta’ nazzjonalita’ Awstrijaka, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 203(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta’

A, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 41(1) u 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali b’eghmil li jsir f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura hafifa fuq F, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex titratta ma’ l-imputat li huwa recidiv b’sentenza definittiva mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fejn fl-4 ta’ Marzu 1998 kien instab hati mill-Magistrat Dr Tonio Micallef Trigona LL.D., b’attentat ta’ serq u kkundannat ghal sena u nofs prigunerija.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda ta’ B, jirrizulta illi fl-20 ta’ Marzu 2004, waqt li hija kienet bilqeghda fuq bank il-Belt hdejn is-suq, kien avvicinaha l-imputat u messilha kuxxtejha. Hi qamet u marret bilqeghda hdejn shabha bniet li kienu qeghdin bilqeghda fuq bank iehor. L-imputat segwiha u beda jghidilha hafna hmerijiet, u mbaghad indirizza lill-habiba taghha A, waqt illi beda jindika l-parti genitali tieghu u qal lil A biex tqieghed il-parti genitali tieghu f’halqha.

B gharfet lill-imputat bhala l-persuna li mmolestaha. Xi mumenti wara, kien gie habib taghhom F, u l-imputat tah

bis-sieq u bil-ponn, imbaghad telaq jigri. Minn hemmhekk, B kienet marret taghmel rapport lill-Pulizija waqt illi F ittiehed l-isptar.

C, a fol 27 et seq, xehdet illi huma kienu l-Belt mal-hbieb, meta gie l-imputat hdejhom, u beda jistaqsihom jekk kinux turisti u minn fejn kienu gejjin. Imbaghad staqsa lil A jekk riditx tilghab bil-kelb, mellsilha ghonqha u din qabdet u qamet. Imbaghad mar fuq B u beda jmissilha kuxxtejha. D marret titlob lil F ghall-ghajjut, u minn hemmhekk, l-imputat aggredixxa lil F, beda jtih bis-sieq u bil-ponn anke f'wiccu. C xehdet illi hija rat lill-imputat jilghab bic-cinturin tieghu. Xehdet ukoll illi semghet lill-imputat jistaqsi lil A jekk riditx tpoggi f'hogru u talab lil A biex tqieghed il-parti genitali tieghu f'halqha. Kien hawnhekk meta hija ratu **'fumbling with his belt.'**

D, ta' erbatax-il sena, xehdet illi hija kienet giet Malta biex titghallem l-Ingliz ghal gimgha, u waqt li kienu l-Belt bilqeghda fuq bank, kien avvicinahom l-imputat, illi identifikatu bhala l-akkuzat f'dawn il-proceduri, u beda jmiss habiba taghha. Il-habiba taghha qamet, u mbaghad l-imputat mar fuq tifla ohra, u cioe' B u beda jmissilha kuxxtejha. Imbaghad B giet hdejha u l-imputat beda jmiss l-ispalla ta' D. It-tfajliet talbuh biex jitlaq, izda l-imputat baqa' fejn kien, imbaghad gie F u l-imputat beda jaggredih, pero' rnexxielu jaghti daqqa ta' ponn lil F f'wiccu. D xehdet illi semghet lill-imputat jghid li jrid ipoggi l-parti genitali tieghu f'halq A u ratu jilghab bic-cinturin waqt li kien qed jghid dawn il-kliem, u stedinha wkoll biex tpoggi f'hogru. D xehdet illi A rrifjutat illi toqghod bilqeghda f'hogru, u li l-imputat ma sfurzahiex biex taghmel dan.

E ikkonfermat ix-xhieda tat-tfajliet l-ohra, ikkonfermat illi l-imputat talab lil A biex tqieghed il-parti genitali tieghu f'halqha, u li meta qal dan, l-imputat beda jmiss il-parti genitali tieghu minn fuq il-hwejjeg. E xehdet illi l-imputat mess lil A f'ghonqha u fuq daharha.E gharfet lill-imputat bhala l-persuna li ghamel dawn l-azzjonijiet kollha li semmiet fix-xhieda taghha. Ikkonfermat illi l-imputat aggredixxa lil F illi gie biex jipprotegiha, ratu jaghtih bis-sieq u bil-ponn.

PS Ramon Mifsud, a fol 35, ikkonferma illi sitt zaghzagh ta’ nazzjonalita’ barranija kienu gew jaghmlu rapport l-ghassa tal-Pulizija, flimkien mal-‘guide’ taghhom. Kienu kollha fi stat ecitat u filfatt tnejn minnhom kienu qeghdin fl-ghassa. Ir-rapport kien fis-sens illi gew molestati sesswalment minn persuna ta’ nazzjonalita’ Maltija, waqt illi kienu qeghdin fejn is-suq il-Belt. PS Mifsud esebixxa l-okkorrenza li giet esebita u mmarkata bhala dokument PS li tinstab a fol 37 et seq.

Spettur Pierre Micallef Grimaud ipproduca c-certifikati medici, dokumenti PMG5-PMG10.

PS 928 Ramon Mifsud Grech ikkonferma l-prezenza tieghu fl-istqarrija ta’ l-imputat.

A fol 57, Dr Anthony Fenech ikkonferma c-certifikati PMG7-PMG9, u xehed illi l-griehi kienu ta’ natura hafifa.

L-istqarrija ta’ l-imputat giet esebita u mmarkata bhala dokument PMG3 li tinstab a fol 17.

L-imputat, a fol 62, iddikjara li ma kienx ser jixhed.

Joe Difesa, prodott mid-Difiza, ikkonferma li huwa kien prezenti waqt li l-imputat (li ghandu l-laqam ta’ Il-Hosi), beda jitkellem ma’ xi tmien tfajliet ta’ nazzjonalita’ barranija. Dan beda jikkumplimentahom waqt illi huma bdew jinkuh u jghidulu li kien ser ibezzaghhom daqs kemm kien ikrah. Wara xi ghaxar minuti, kien gie zaghzugh bjond u mbotta lill-imputat u dan bhala ritorn, tah daqqa ta’ ponn go wiccu, u tah ukoll daqqa ta’ sieq. Ftit wara gew tmien guvintur li kienu kollha mat-tfajliet biex ifittxuh, izda l-imputat kien lahaq harab. Joe Difesa xehed illi huwa ma rax lill-imputat jaghmel ebda mossa mhux xierqa quddiem dawn it-tfajliet, anzi xehed illi huwa fl-stall il-monti jkollu t-tfajliet tieghu prezenti u certament ma kienx ser jiehu pjacir kieku l-imputat ghamel xi mossi oxxeni fil-prezenza taghhom.

Joe Difesa kompla jghid, a fol 66, illi huwa ma sema' lill-imputat jghid ebda kliem mhux xieraq u lanqas ma rah jaghmel xi mossi oxxeni. Joe Difesa xehed illi huwa ra lill-imputat itaptap fuq dahar wahda minn dawn it-tfajliet u jghidilha kliem **'how nice you are'**. Joe Difesa xehed illi dan l-incident dam forsi xi ghaxar minuti, u ddikjara li l-unika mossa li ra lill-imputat jaghmel kien meta kien qieghed **'showing off'** xi manuvri tal-'football'. Joe Difesa xehed illi huwa ma ra ebda tfajla tqum u titlaq tigri minn fejn kienet. Difesa ddikjara li fl-ebda mument ma sema' xi tfajla twerzaq, hlief meta l-imputat xejjer daqqa ta' ponn lil guvni li kien maghhom. Difesa nnega illi xi hadd qallu kif ghandu jixhed.

Miriam Sevasta xehdet illi hija kienet Probation Officer ta' l-imputat mill-1991 sal-2001. Ikkonfermat illi kien persuna li kellu hafna problemi socjali u li l-imputat kien jehtieg hafna ghajnuna.

Ikkunsidrat:-

Illi fil-kaz in ezami, il-Qorti rat u ezaminat ix-xhieda taz-zaghzagh Awstrijaci, u x-xhieda ta' Joe Difesa prodott mill-imputat, u tqis illi x-xhieda taz-zaghzagh Awstrijaci hija kredibbli u vero simili. Hija xhieda preciza u dettaljata u hi wahda li hija kollaborata minn diversi persuni, xhieda ghal dan l-incident.

Din il-Qorti temmen ukoll illi Joe Difesa ma rax l-incident mill-bidu, u ghaldaqstant, seta' ma nnutax id-diversi gesti oxxeni u kliem mhux xieraq illi l-imputat wettaq.

Il-fatti speci tal-kaz pero', fil-fehma tal-Qorti, ma jinkwadrawx ruhhom taht korruzzjoni ta' minorenni kif mahsub taht l-Artikolu 203(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u wisq anqas taht l-Artikolu 207, izda certament jikkonfigura taht l-Artikolu 209 tal-Kap 9. Dan l-Artikolu jiddeponi:

*'Kull min, barra mill-kazijiet imsemmija fl-Artikoli ta' qabel dan is-sub-titolu jew f'dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, joffendi l-pudur jew il-morali, b'eghmil li jsir f'lok pubbliku, jew f'lok*

*espost ghall-pubbliku, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur u multa.'*

Dan qieghed jinghad ghaliex mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, l-atti u gesti albeit oxxeni li ghamel l-imputat ma kinux intizi ghas-sodisfazzjon sesswali u ecitazzjoni sesswali ta' l-imputat, u dan b'referenza ghall-Artikolu 203 tal-Kap 9, u mill-provi tal-Prosekuzzjoni ma jindikaw ebda vjolenza attiva fuq it-tfajliet Awstrijaci.

Illi certament pero', l-atti jinkwadraw perfettament fl-Artikolu 209. Infatti, l-element intenzjonali ta' dan ir-reat huwa sodisfatt jekk l-att offiz tad-decenza jkun volontarju minghajr ma hu mehtieg id-dolo specifiku.

L-att li bih l-imputat beda jipponta ghall-parti genitali tieghu u jilghab bic-cintorin, certament huwa att li joffendi l-pudur u l-morali, specjalment meta jkun akkumpanjat bil-kliem li ndikaw it-tfajliet Awstrijaci, fejn l-imputat indika fejn xtaq iqieghed il-parti genitali tieghu.

Illi in oltre, jirrizulta vverifikat il-griehi ta' natura hafifa li l-imputat wettaq fuq F, bi ksur ta' l-Artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghar-rigward ta' l-ahhar akkuza, din il-Qorti rat illi l-Prosekuzzjoni naqset li tesebixxi s-sentenzi mghoddija fil-konfront ta' l-imputat, u naqset ukoll li ssir il-prova ta' l-identita'. Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax tikkunsidra lill-imputat bhala recidiv.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuza li minnhom tilliberah, issibu hati tat-tielet u r-raba' akkuza, u mhux hati tal-hames akkuza li minnha qed tilliberah, u wara li rat l-Artikoli 209 u 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal erba' xhur prigunerija, li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel f'arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------